# M I N U T I

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

### IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

### LAQGĦA NUMRU 47

16 ta' Marzu 2022

Is-sebgħa u erbgħin (47) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar il-Erbgħa 16 ta' Marzu 2022 fil-5.00pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH) | Sindku |
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsillier |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Kunsillier |

SKUŻATI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

47.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

47.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

47.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

47.2.1. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tas-sitta u erbgħin (46) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

47.2.2. Il-Kunsillier AD ressaq mozzjoni issekondata mill-Viċi Sindku VB favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 4 (AD, VB, DSH, JAE)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

47.2.3. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 46.2.8 u staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi dwar iż-żabra. Il-Viċi Sindku VB qal li hu kien informa lill-kuntrattur biss sa dakinhar kien għadu ma sema' xejn lura. Huwa qal li għandu jerġa' jikkuntattjah sabiex dawn is-siġar jiġu miżburin.

**Nota: 17:02 Il-Kunsilliera JP attendiet għal-laqgħa.**

47.2.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 46.2.11 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward il-kwistjoni tal-Fosos. Is-SE qal li kien prova jikkuntattja lill-avukat tal-Kunsill iżda ma kienx għad kellu risposta.

47.2.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 46.2.12 rigward il-fanali ornamentali ta' fuq il-Fosos u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-Sindku qalet li kienet għamlet kuntatt mal-MTA u kellhom jipprovdu data u ħin sabiex issir laqgħa dwar dan kif ukoll dwar il-ħlasijiet pendenti li hemm.

47.2.6. Il-Viċi Sindku VB għamel riferenza għall-materja nru 46.5.3 dwar it-tabella fi Triq il-Mall, ħdejn il-Monument tal-Indipendenza, u staqsa jekk kienx hemm risposta dwar dan. Is-SE qal li sa dakinhar ma kienx għad hemm risposta.

47.3 **KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

47.3.1. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand persuna li talbet li jiġu installati bicycle stands fi Triq il-Mall. Is-SE ippropona li jekk il-Kunsill jaqbel, dawn setgħu isiru mill-fondi t'aġġustament li jista' japplika għalihom il-Kunsill. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jikkunsidra din it-talba aktar 'il quddiem.

47.3.2. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand il-Floriana Ajax fejn ressqu xi proposti. Il-Viċi Sindku VB qal li kien qabbadhom ma' persuna rigward is-siġra u ftehmu bejniethom dwar kif għandha tiġi s-siġra. Fir-rigward tat-talbiet l-oħrajn, il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

47.3.3. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand is-Soċjetà Filarmonika Vilhena fejn offrew li b'mod konġunt isir marċ li jdur mat-toroq tal-Floriana. Huma offrew ukoll li jagħmlu riklam fil-ktieb tal-festa. Dawn jammontaw għal total ta' €1400 u €250 rispettivament. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li jilqa' t-talba.

47.3.4. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand il-Floriana Senior Citizens fejn proponew li b'mod konġunt jiġi ppublikat ktieb. Il-Kunsill qabel bil-kundizzjoni li jkun hemm akkreditazzjoni fil-ktieb.

47.3.5. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand is-Sur Stephen Tonna f'isem il-Bord Editorjali tal-ktieb tal-festa 2022 fejn talbu lill-kunsill jirriklama fil-Ktieb tal-Festa San Publju 2022, għall-prezz ta' €726. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma qabilx u qabel li għandu jħallas ta' riklam li ma jammontax aktar minn €326.

47.3.6. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand l-Ambaxxata għat-Turkija li nformaw lill-Kunsill li kienu ser jorganizzaw attività biex jiċċelebraw Jum it-Turkija. Huma talbu permess sabiex jużaw parti minn Ġnien Sir Luigi Preziosi. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

47.3.7. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand Frank Salt Real Estate li talbu permess sabiex jinstallaw riklami fit-toroq. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni, u għalhekk qabel li għandu jiltaqa' magħhom.

47.3.8. Is-Sindku għamlet riferenza għall-applikazzjoni għall-permess għal ristawr tal-istatwa ta' San Publju u nformat li l-permess kien ġie approvat.

47.3.9. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li l-espressjoni ta' interess għal outdoor ground fixed percussion exhibition kienet ħarġet u li l-Kunsill għandu jiġi kkuntattjat fil-jiem li ġejjin sabiex jiffirma il-ftehim.

47.3.10. Is-Sindku għamlet riferenza għal talba minn stabbiliment fit-Telgħa tal-Kurċifiss.

47.3.10.1. Il-Kunsillier JAE ippropona li l-Kunsill jitlob bil-miktub in-No Objection tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali.

47.3.10.2. Il-Viċi Sindku VB propona li l-Kunsill jara jekk għandux dritt jitlob xi fondi ġaladarba din iż-żona devoluta lilu. Il-Kunsill qabel li għandu jikkonsulta mal-Avukat tiegħu dwar dan.

## 47.4 RAPPORTI

47.4.1. Il-Viċi Sindku VB fetaħ il-materja billi għamel riferenza għall-innu tal-lokalità fejn qal li kien tkellem ma' min hu ikkonċernat u iddiskutew diversi possibiltajiet għal dan l-innu u l-ispejjeż relatati. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jagħmel kor ukoll li jikkumplimenta lis-solisti biex il-produzzjoni tkun kompluta.

47.4.1.1. Il-Kunsillier JAE propona li jinġibed ukoll filmat tar-recording tal-innu. Il-Kunsill qabel.

## 47.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

47.5.1. Il-Kunsillier JAE staqsa rigward il-funtana ta' Ġnien Sir Luigi Preziosi u staqsa jekk tistax terġa' tibda' tiffunzjona. Is-Sindku nformat li kien qed jieħu ħsieb jirranġaha l-ħaddiem manwali. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jfakkar lill-ħaddiem manwali dwar dan.

47.5.2. Il-Kunsillier JAE qal li hemm ħafna weraq fuq is-sur taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V u ta' Ġnien Vilhena. Is-Sindku nformat li hemmhekk ma kienx tal-Kunsill u li kien jaqa' taħt il-Heritage. Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat tfakkira.

47.5.3. Il-Kunsillier JAE qal li kien ġie avviċinat minn residenti ta' Triq Antonio Agius ma' Triq il-Fosos fejn informawh li meta tagħmel ix-xita, kien qed jidħlilhom l-ilma. Huwa propona li l-Kunsill ikellem lill-Perit tiegħu sabiex jara x'jista' jsir dwar dan. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 47.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTOKUMITATI

47.6.1. Ma kienx hemm rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

## 47.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

47.7.1. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 34/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

47.7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JAE u issekondata mill-Viċi Sindku VB, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

47.7.2. Is-Sindku ressqet ir-rapport tal-petty cash għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

47.7.2.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JAE u issekondata mill-Viċi Sindku VB, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-pagamenti indikati fir-rapport tal-petty cash, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 47.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAD-DIKJARAZZJONIJIET FINANZJARJI 2021

47.8.1. Is-SE ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill id-dikjarazzjonijiet finanzjarji tas-sena 2021.

47.8.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku VB u issekondata mill-Kunsilliera JP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapporti finanzjarji, bir-riżultat ikun wieħed favur b'mod unanimu.

## 47.9 JUM IL-FLORIANA

47.9.1. Is-Sindku fetħet il-materja billi qalet li l-applikazzjonijiet ta' Jum il-Floriana ġew iċċirkulati lill-għaqdiet.

47.9.2. Is-Sindku pproponiet li s-sena ta' wara jiġu riveduti l-premjijiet sabiex il-Kunsill jara jekk għadhomx validi.

47.9.3. Is-Sindku kompliet billi nformat lil-Kunsill li l-attività kienet ser issir fis-sular ta' fuq tad-Dar tal-Kunsill. Hija pproponiet li l-preżentaturi jkunu Jackie Mercieca u Dione Borg. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni. Fir-rigward ta' kantanti, il-Kunsill ma qabilx li għandu jinvolvi kantanti din is-sena minħabba r-restrizzjonijiet relatati mal-pandemija kif ukoll minħabba d-daqs tas-sala.

47.9.4. Is-Sindku kompliet billi qalet li l-Kunsill irid jiddeċiedi fuq il-personaġġi li ser jiġu onorati dik is-sena. Wara li ddiskuta il-Kunsill qabel li l-personaġġi ta' dik is-sena għandhom ikunu:

Gustavo Vincenti
Publio Agius
Chris Micallef
Manolito Micallef
Charlie Farrugia
Graziella Castillo

## 47.10 FESTIVAL TAL-LOGĦOB TAN-NAR MEKKANIZZAT

47.10.1. Is-Sindku talbet lis-SE jispjega l-eżitu tal-laqgħa li kellu mal-MTA u mar-rappreżentanti tal-kmamar tan-nar.

47.10.2. Is-SE qal li wara l-laqgħa li kellhom, kien hemm qbil bejn il-kmamar tan-nar kollha li ser jieħdu sehem bil-kriterji kollha li kienu diġà ftehmu sentejn ilu.

47.10.3. Huwa qal li l-kmamar qablu li għandha tkun kompetizzjoni.

47.10.4. Is-SE qal li ser isiru mill-ġdid it-toqob tal-arbli. Is-SE qal li dakinhar kien beda x-xogħol fuq it-toqob tal-arbli tal-festa.

## 47.11 ŻJARA TAL-PAPA FIL-LOKALITÀ

47.11.1. Is-Sindku fetħet il-materja billi qalet li ż-żjara tal-Papa ser issir fit-2 u t-3 t'April u l-quddies sa tkun fit-3 t'April fuq il-Fosos.

47.11.2. Hija qalet li l-Kunsill kien qed jikkordina kemm jista' jkun mal-entitajiet ċentrali anke minħabba no parkings u clearance f'dawn il-ġranet.

47.11.3. Is-Sindku nformat ukoll li l-Banda Vilhena kienet ser iddoqq is-Sibt, fid-dħul u l-ħruġ lejn il-Belt Valletta.

47.11.4. Is-Sindku nformat li kienu ser jintramaw ukoll xi bandalori mad-dawra tal-Fosos biex ikun hemm atmosfera ta' festa.

47.11.5. Is-SE nforma li f'ħafna mit-toroq tal-lokalità kienu ser jitwaħħlu no parking signs u li l-awtoritajiet kienu nformaw lill-Kunsill li m'għandhom jinħarġu permessi ta' xogħolijiet f'dawk it-tliet ijiem.

## 47.12 FESTA TA' SAN PUBLJU

47.12.1. Is-Sindku fetħet il-materja billi qalet li wara l-laqgħa li kellha mal-Pulizija, proponiet laqgħa oħra magħhom sabiex ikun hemm iktar koordinament. Hija nformat li l-laqgħa kienet ser issir nhar it-Tlieta 22 t'April 2022 fis-1pm.

**Nota: 18:05 Is-Sindku talbet li tkun skużata.**
**Il-Viċi Sindku VB preseda l-laqgħa.**

47.12.2. Il-Viċi Sindku VB ġibed l-attenzjoni għall-fatt li l-membri tal-Kunsill li hemm fuq il-websajt għandhom jiġu aġġornati. Is-SE qal li l-lista kienet ġiet aġġornata iżda għandu jieħu ħsieb jara li l-lista fin-noticeboards ta' madwar il-lokalità tiġi wkoll aġġornata.

## 47.13 AĠĠORNAMENT DWAR SKEMA URBAN GREENING U SENIOR CITIZEN CENTRE

47.13.1. Il-Viċi Sindku VB stieden lis-SE jispjega din il-materja.

47.13.2. Is-SE qal li kien iltaqa' mal-Perit tal-Kunsill fejn flimkien kienu identifikaw żewġ żoni. Wara li ddiskutew, il-Periti kienu għażlu l-Ġnien ta' Binja Vilhena minħabba li ż-żona l-oħra, il-masġar, kienet limitata f'dak li seta' jsir. Il-Kunsill qabel li għandu jressaq l-applikazzjoni tiegħu.

47.13.3. Is-SE għamel riferenza għall-proġett tas-senior centre u qal li x-xogħolijiet kienu bdew u li kien iltaqa' wkoll mal-Perit dwar l-installazzjoni tal-lift ta' barra u dak ta' ġewwa. Huwa kompla billi qal li għandhom isiru xi alterazzjonijiet fil-binja tal-Kunsill u li jridu jsiru wkoll xi amendments żgħar fit-toilets tas-sular ta' fuq biex ikun hemm spazju biżżejjed biex wieħed jimmanuvra f'każ li jkun hemm xi ħadd li jkun qed juża wheelchair. Huwa għalaq billi qal li s-sejħa għall-offerti għandha toħroġ dak ix-xahar.

## 47.14 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

47.14.1. Il-laqgħa intemmet fis-18.15 u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 13 ta' April 2022 fil-5.00pm.

47.14.2. Il-Viċi Sindku VB qal li din kienet l-aħħar laqgħa qabel l-elezzjoni ġenerali u għalhekk xtaq jieħu l-opportunità jawgura liż-żewġ membri tal-Kunsill li kienu kandidati għall-elezzjoni ġenerali. Is-SE qal li f'ismu u f'isem l-istaff, jingħaqad mal-Viċi Sindku sabiex jawguralhom.

**Konfermati, illum l-Erbgħa 13 ta' April 2022**

(iffirmati)
Davina Sammut Hili
Sindku

(iffirmati)
Malcolm Agius Muscat
Segretarju Eżekuttiv